

L-Imkien Imqaddes
Minn fejn Ġesù Tala' s-Sema
Fil-Festa ta' Lapsi,
Meta jżuruh l-Insara
Mar-Rħieb Franġiskani
Ta' Ġerusalem.

t-Tieni Sena | APRIL - ĠUNJU, 1956 | Għadd 2

*"Super Muros Tuos Jerusalem, Constitui Custodes"*

# LEHEN
# L-ART IMQADDSA

QARI
LI JOĦROĠ KULL TLIET XHUR
MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU
F'MALTA

Mitbugħ fl-Empire Press, 266, Triq San Pawl, Il-Belt.

# L-OPRA PIJA TAL-QABAR TA' KRISTU

**X'inhi:**

L-Opra Pija tal-Qabar ta' Kristu hi Xirka ta' msehbin li, bi hsieb wiehed ta' talb u ta' ghajnuna ta' flus, jifhmu jghinu lill-Missjunarji Frangiskani ta' l-Art Imqaddsa ghall-harsien u kisba tas-Santwarji tal-Fidwa taghna, kif ukoll ghat-tixrid u ż-żamma tal-Fidi Kattolika qalb il-Lhud, il-Misilmin u x-Xiżmatici tal-Lvant.

**Kif u meta nholqot.**

Inholqot, nistghu nghidu, mill-bidu tal-Knisja, ghax nafu, li xi whud mill-Appostli gabru u wasslu flus lill-insara ta' Gerusalemm. Imma f'sura ta' xirka giet imsawra biss f'nofs is-seklu XIX bill-hidma tal-Patrijiet Kummissarji ta-Terra Santa u giet imwettqa mill-Papa Ljun XIII, li ghanija bi kbir gid tar-ruh, fis-sena 1894.

Ghan ewlieni taghha hu, li:

a) tghin bit-talb, bil-flus u bil-hidma ghaż-żamma, ghall-kisba u ghall-harsien tas-Santwarji Mqaddsa;

b) tahdem kemm tista' ghax-xandir tal-Fidi Kattolka qalb l-Infidili, ghat-tixrid tac-civiltà, ghat-twaqqif ta' opri ta' beneficenza u ghall-ghaqda bejn l-Insara.;

c) tghaqqad Xirka qawwija ghal dan il-ghan qaddis minn ghadd kbir ta' nsara "ta' rieda tajba", li jghinu lill-Missjunarji Frangiskani, li minn 7 sekli ilhom jahdmu fl-Art Imqaddsa.

**L-Imsehbin.**

Imsehbin fl-"Opra Pija" huma dawk li taw isimhom lill-P. Kummissarju tat-Terra Santa flimkien ma' ghajnuna ta' flus ghall-htigijiet materjali tas-Santwarji Mqaddsa.

Il-kitba fl-Opra Pija tista' ssir, jew ghal sena biss, u l-hlas ikun ta' xelin (1/-), jew ghal dejjem, perpetwu, u l-hlas hu ta' lira sterlina (£1).

Jistghu jinkitbu wkoll il-mejtin.

**Zelaturi u Zelatrici.**

Huma l-irgiel jew nisa mqabbdin mill-P. Kummissarju sabiex ixerrdu fost l-insara l-Opra Pija, ifehmulhom x'inhi, jiktbuhom fiha, jigbru l-offerti u, flimkien ma' l-ismijiet, jahsbu jibghatuhom lill-P. Kummissarju tat-Terra Santa.

**Gid tar-ruh moghti mill-Papiet lill-Opra Pija tal-Qabar ta' Kristu lil kull Imsiehab.**

1. Sehem mill-Quddies kollu, mit-talb, sawm, penitenzi, tghakkis, pellegrinaggi u ghamil iehor ta' hniena li jsir fis-Santwarji ta' l-Art Imqaddsa. (Il-Papa Piju, VI, f'Lulju 1778).

2. Indulgenza Plenarja fil-Milied, fil-Ghid il-Kbir u fil-hin tal-mewt.

3. Indulgenzi ohra Parzjali huma mghotija ghal kull nhar ta' Gimgha.

4. Lill-Isqfijiet u lill-Qassisin li jhabirku ghall-Opra Pija hi moghtija s-setgha li jbierku l-Kurcifissi bl-ghoti ta' l-Indulgenzi tal-Via Sagra u l-Kurdun ta' San Frangisk. (Ljun XIII, 26 ta' Gunju 1894).

5. Aktar minn 30,000 quddiesa fis-sena jqaddsu l-Patrijiet Missjunarji tat-Terra Santa ghal dawk miktubin fl-Opra Pija tal-Qabar ta' Kristu.

**Liz-Zelaturi u z-Zelatrici.**

Indulgenza Plenarja specjali fl-Istrina u nhar Santa Marija. (Papa Ljun XIII, 26 ta' Gunju 1894).



# LEHEN L-ART IMQADDSA

QARI

MAĦRUĠ MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU F'MALTA

It-Tieni Sena | APRIL - ĠUNJU, 1956 | Għadd 2

## X'FIH DAN IL-GĦADD


"Ibqa' Magħna... Qiegħed Jidlam" ... 30

Il-Kustodju l-Ġdid tal-Art Imqaddsa ... 31


### L-Ewwel Taqsima — DAWL


L-Ilsien ta' Ġesù ... 32

F'liema żmien tgħammed Ġesù ... 33

L-Istorja tas-Salib ... 36

Nażaret — Pajjiż il-Ward u d-Dwejjaq ... 39


### It-Tieni Taqsima — IMĦABBA


San Ġwann Ċkejken ta' Għajn Karem ... 41

Ir-Re ta' Edessa u x-Xbieha ta' Ġesù ... 44

Il-Ġetsemni ... 46

Kliem meħud b'ieħor fl-Evanġelju ... 49

San Ġwann minn Capestrano ... 51

Iż-żwieġ għand l-Insara Qoptin ... 53

Kelmtejn liż-Żgħar ... 55


### Minn Hawn u Minn Hemm


Aħbarijiet ta' Barra ... 56

Aħbarijiet ta' Malta ... 58


---


Direzzjoni: W. R. P. Nikola Magro, O.F.M., Kummissarju tat-Terra Santa.
Amministrazzjoni: R. P. Valentin Cardona, O.F.M., Viċi Kummissarju,
Kummisserija tat-Terra Santa, Kunvent ta' Ġieżu, Il-Belt.

# "IBQA' MAGĦNA.... QIEGĦED JIDLAM"

*L-aħbar xterdet! In-nisa twajba ta' Ġerusalemm raw l-Anġli t'Alla fuq il-Qabar ta' l-Imgħallem u qalulhom li kien qam mill-Imwiet. Marija Maddalena, Ġanna u Marija ta' Ġakbu u xi nisa oħra qalu b'kollox lill-Appostli. Pietru erħielha bilġri lejn il-Qabar. Sabu fieragħ. Lemaħ f'ġenb tal-Qabar il-liżor ta' l-għażel li fihom kienu geżwru l-ġisem mejjet ta' l-Imgħallem.*

*L-aħbar xterdet! Tnejn mid-dixxipli dak in-nhar qabduha għal għonq it-triq, u mxew minn Ġerusalemm lejn Emmaws. Baħar x'jaqsam ma kienx hemm, għax fi tliet siegħat tasal. U tul it-triq qabdu jitħadtu. U kliemhom waqa' fuq il-ġrajja li kienu għadhom kif semgħu. L-Imgħallem ma nstabx! In-nisa raw l-Anġli t'Alla! Fuq wiċċ id-dixxipli kienet titnikker bixra ta' swied il-qalb. Imsejkna kienu mħassba bosta.*

*U fil-ħin raġel għarib iwaqqafhom. Irid jaf għala jidhru mdejqa. Kleofas, wieħed minnhom igħidlu l-ġrajja tal-Passjoni u kif ma nstabx il-ġisem ta' l-Imgħallem. Ir-raġel fakkarhom kif Ġesù kellu jbati u x'qalu fuqu l-Profeti. U kif temm kliemu ried jitlaqhom u jibqa' sejjer. Qalulu biex joqgħod magħhom billi l-jum kien għoddu wasal fi tmiemu. "Ibqa' magħna... qiegħed jidlam." U r-raġel għarib baqa' magħhom. U daħal, u qagħad jiekol magħhom.*

*Il-mejda kienet imħejjija. Kif daru magħha, l-għarib qabad ħobża, berikha, qasamha u tahielhom. Kleofas u sieħbu nħasdu. Ħarsu f'għajnejn ir-raġel li kellhom quddiemhom. Għarfuh! U Ġesù għeb minn quddiemhom.*

*Sa hawn il-ġrajja ta' Emmaws. It-tifsira tagħha tgħodd għal kull żmien. Id-dixxipli ma għarfux lill-Imgħallem tagħhom, b'danakollu, riedu jew ma riedux ħassew li kellhom igħidulu jibqa' magħhom. Għax f'dak il-bniedem li qajla għarfu, kienu qegħdin jaraw sieħeb li sata' jaqsam magħhom it-triq lejn Emmaws. Kienet sa taqa' d-dalma u donnhom riedu l-wens. Ir-reżħa, id-dalma, is-sikta... il-misteru li jaqa' ma' nżul ix-xemx, ġegħelhom igħidulu jissokta għal magħhom.*

*Bħad-dixxipli ta' Emmaws, il-kotra tad-dinja ta' żminijietna, ma tagħrafx lil Kristu. Tarah quddiemha, tilmħu wara l-bibien tal-qlub jittallab l-imħabba, u tibqa' ma tagħrfux. Hu minnu li fih tara xi ħaġa li ma tarahiex fil-bqija, b'danakollu tibqa' bierda miegħu. U jrid ikun il-lejl biex iġiegħelha tistiednu jibqa' magħha. Il-lejl tas-salib, tan-niket, tal-mard, tal-għelt... u dawk il-waqtiet imxewka, id-dinja ddur lejn Ġesù u tgħidlu jibqa' magħha.*

*Inti, li dejjem tgħammar*
*Fis-sebħ ta' jum bla tmiem,*
*Fid-dlam tal-lejl tħarisna,*
*Xerred ġo qlubna s-sliem.* (Dun Karm)

*U Ġesù jibqa', biex fil-ħemda tal-lejl li jkun daħal, juriha min hu. Juriha li Dak li ma tatx kontu kien il-Bniedem-Alla. U mbagħad igħib, iżda fil-qlub tibqa' mnaqqxa d-dehra qaddisa Tiegħu. U d-Dinja ssib il-faraġ.*

*Għax biss ma' Ġesù tista' d-Dinja ssib it-triq li twassal għas-Sliem. Belha hi, jekk jaqa' l-lejl u magħha ma jkollhiex lil Ġesù! Titlef it-triq, tidħol fix-xewk u l-għollieq, u tintilef u minn ġisimha jibda jqattar id-demm. Biss ma' Ġesù, bħad-Dixxipli ta' Emmaws, nistgħu naslu u nixxierku miegħu fil-Mejda tal-Ħajja. Hu nnifsu stqarr, f'waqt ta' l-oħla mħabba, li ħliefu u la hemm triq, u la verità u anqas ħajja. "Jiena hu t-Triq, il-Verità u l-Ħajja" Lil hinn minn Ġesù m'hemmx ħlief id-dalma tal-lejl tad-dnub.* ID-DIREZZJONI.